*-organizzazzjoni mhux rikonoxxuta*

*-personalita' ġuridika*

*-respoonsabbilita' tal-amministratur*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 17 ta' Settembru, 2020.**

**RikorsNru. 1047/2016GM**

**Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima u b'digriet tas-27 ta' Frar 2020 gie mibdul għal Segretarju Permanenti għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali**

**vs**

1) **Peter Axisa (KI 804848M) f'ismu personali kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta' Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegetables);**

2) **Joseph Mary Farrugia [KI Numru 420930(M)] għan-nom u in rappreżentanza ta' Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegetables); u b'digriet tal-10 ta' Lulju 2019 ġew maħtura kuraturi Dr Martha Mifsud u PL Peter Paul Sammut in rappresentanza ta' persuna mhux magħrufa tal-entita' Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegetables).**

3) **Saviour Gauci [KI Numru 86545(M) għan-nom u in rappreżentanza ta' Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegetables)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-attur li wara li ppremetta illi :-

1. Bi skrittura datata 3 ta' Mejju 2006 (annessa u mmarkata bħala Dok PS1), l-entita' *Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegetables)* (minn issa 'l quddiem imsejjħa "TQPG") daħlet f'rabta kuntrattwali mas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent in konnessjoni mal-użu ta' binja tal-Gvern li tinsab ġewwa s-suq tal-Pitkalija, Ta' Qali.

2. B'ittra datata 22 ta' Ġunju 2011, l-iskrittura ġiet imġedda għall-perjodu ta' tlett snin wara talba li saret mill-konvenut Peter Axisa bħala CEO tal-entita' konvenuta permezz ta' ittra datata 15 ta' Jannar 2011 (Dok PS2 u PS3).

3. Skont klawsola 12 tal-imsemmi skrittura, l-entita' aċċettat illi tħallas għall-ispejjeż relatati mad-dawl u l-ilma;

4. Illi l-konvenuti qatt ma ħallsu għal spejjeż relatati mad-dawl u l-ilma kif kien pattwit;

5. Għal din l-inadempjenza l-konvenut Peter Axisa huwa wkoll personalment responsabbli u dan minħabba li l-entita' Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegetables) mhijiex waħda b'responsabbilita' limitata.

6. In konnessjoni mal-ispejjeż relatati mad-dawl u l-ilma, għall-perjodu ta' bejn 18 ta' Mejju 2010 u 28 ta' Jannar 2014, għal liema perjodu l-attur qed jitlob il-ħlas u għal liema perjodu kien għad hemm pendenzi, il-kont tad-dawl akkumula għall-ammont ta' €63,338.05.

7. Billi l-konvenuti baqgħu ma ħallsux il-kont għall-perjodu surreferit, il-provvista tad-dawl u l-ilma ġiet mwaqqfa min-naħa tal-fornitur, iżda ma' kull kont baqgħu jiżdiedu l-interessi u l-kera marbuta mal-*meters* tad-dawl u lilma.

8. Għalkemm interpellati diversi drabi anke permezz ta' ittri uffiċjali sabiex iħallsu l-kontijiet pendenti, il-konvenuti baqgħu inadempjenti.

9. F'Novembru 2015, sabiex ikun jista' jerġa' jibda jużа' s-servizz tad-dawl u l-ilma mill-fond surreferit, l-attur kellu jħallas l-ammont kollu dovut hu u filfatt ħallas l-ammont komplessiv ta' tlieta u sebgħin elf, mitejn u tnax–il Ewro u wieħed u erbgħin Ewro ċenteżmi (€73,212.41) fir-rigward tal-kont tad-dawl tal-fond surreferit. Dan l-ammont kien ikopri l-konsum kollu għall-perjodu surreferit, flimkien mal-interessi u l-kera tal-*meters* sad-data tal-ħlas tal-imsemmi kont.

10. In vista tal-fatt illi l-konvenuti jew min minnhom kienu inadempjenti fl-obbligi tagħhom naxxenti mill-ftehim surreferit, l-attur kellu jbati l-ispejjeż relatati mad-dawl u l-ilma kkunsmat mill-intimati jew min minnhom hu u kellu wkoll ibati danni konsistenti f'interessi u ħlas tal-kiri tal-meters tad-dawl u l-ilma (minkejja li ma kienux qed jintużaw) li kellhom jitħallsu minħabba l-fatt illi l-kontijiet ma kienux tħallsu.

11. L-attur huwa s-suċċessur tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent;

Talab lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex fi żmien qasir u perentorju iħallsuh l-ammont tlieta u sebgħin elf, mitejn u tnax–il Ewro u wieħed u erbgħin Ewro ċenteżmi (€73,212.41) bl-ispejjeż u drittijiet, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru preżentat in konnessjoni ma' din il-kawża u tal-ittri uffiċjali bin-numri 1351/2014, 1704/14, 705/2015 u 23/2016 bl-imgħax legali.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Joseph Mary Farrugia li permezz tagħha eċċepixxa illi:-

1. Mhuwiex il-leġittimu kontradittur billi kien irriżenja minn Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegatables) sa mis-26 ta' Frar, 2014 u dan il-fatt kien magħruf mill-atturi.

2. Ma kellux x'jaqsam mal-kreditu reklamat billi t-tmexxija tal-Group kienet affidata fl-intimat Peter Axisa fil-kwalita' tiegħu ta' CEO, tant li l-ewwel ittra uffiċjali datata 30 ta' April, 2014 ġiet mill-atturi lil dan waħdu. Daqstant ieħor l-esponenti ma kellux x'jaqsam fit-tiġdid tal-kuntratt li seħħ fl-2011.

3. B'ittra datata 7 ta' Marzu, 2014 l-attur ittermina l-Management Agreement b'effett mit-18 ta' Marzu, 2014 u jekk allura r-rikorrenti iddeċieda li jħallas f'ismu dak dovut mill-Group, huwa ma ġiex b'daqshekk imdaħħal fil-jeddijiet tal-kreditur li lilu l-ħlas kien dovut. F'kull każ ukoll l-eċċipjent m' għandux ibati xi sehem la mis-somma kapitali dovuta u wisq anqas mill-imgħaxijiet fuq l-istess somma.

4. L-attur għandu dejjem iġib prova tal-ħlas li jallega li għamel lill-fornitur tad-dawl u l-ilma;

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Peter Axisa f'ismu personali kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta' Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegetables) u ta' Saviour Gauci li permezz tagħha eċċepew illi:-

1. Peter Axisa mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'ismu personali peress illi Ta' Qali Producers Group hija entita' separata u distinta minnu u hija mogħnija b'personalita' ġuridika separata u distinta mwaqqfa ai termini tal-Att dwar lGħaqdiet tal-Produtturi Kap 447 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament l-Art 3(1) tal-istess Att, kif ukoll ai termini tar-Regolamenti dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi fl-Oqsma tal-Ħaxix u l-Frott, Leġislazzjoni Sussidjarja 447.01 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan il-punt ġie wkoll ikkonfermat mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza Joseph Sant et vs Peter Axisa pro et noe Dok PA1 u għalhekk, l-eċċipjent f'ismu personali għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

2. Peter Axisa qatt ma kkuntratta f'ismu proprju mal-attur u/jew mal-allegat predeċessur tiegħu u għalhekk m'hemm l-ebda rabta ġuridika bejniethom li tista' ssejjes il-proċeduri odjerni fil-konfront tiegħu personalment.

3. L-eċċipjenti kienu dehru fuq l-iskrittura Dok PS1 u li għaliha saret riferenza fl-ewwel premessa tar-rikors ġuramentat tiegħu flimkien mal-konvenut l-ieħor fil-kawza odjerna – *in their capacity as legal and judicial respresentatives of the producer group* ***Ta' Qali Producers Group (fruit and Vegetables).***

4. Trid tinġieb il-prova li meta ġie terminat il-*management agreement* mill-attur b'effett mit-18 ta' Marzu 2014, huwa daħal fil-jeddijiet ta' l-allegat kreditur preċedenti.

5. Hija kategorikament miċħuda l-allegazzjoni li l-entita' TQPG m'għandhiex responsabilita' limitata u f'kull każ trid tinġieb il-prova ta' dan.

6. Galadarba l-attur qiegħed jallega li TQPG m'għandhiex responsabilita' limitata, qiegħda titqajjem l-eċċezzjoni li l-ġudizzju mhux integru u jeħtieġ għalhekk li jiġu msejjħa dawk kollha li għandhom jirrispondu għat-talbiet odjerni.

7. Trid tinġieb il-prova tal-ammont allegatament dovut u li bħala fatt, talab l-istess ħlasijiet a tempo vergine.

8. Trid tinġieb il-prova li l-attur huwa s-suċċessur tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

Rat id-digriet tagħha tal-15 t'April 2019 fejn ordnat it-tneħħija tal-isem ta' Joseph Mary Farrugia mill-okkju tal-kawża peress illi ġie nieqes fil-mori tal-kawża u dan ma kienx konvenut f'ismu personali u għalhekk l-atti tal-kawża ma setgħux jiġu trasfużi f'isem il-werrieta tiegħu[1];

Rat id-digriet tagħha tal-10 ta' Lulju 2019 fejn ġew maħtura Dr Martha Mifsud u PL Peter Paul Sammut bħala kuraturi biex jirrapreżentaw lill-persuna mhux magħrufa li setgħet issuċċediet lil Joseph Mary Farrugia bħala rappreżentant legali tal-entita' TQPG;

**Fatti:**

Ikkunsidrat:

1. Fit-3 ta' Mejju 2006 sar kuntratt għall-perjodu ta' ħames snin bejn is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u Peter Axisa, Joseph Farruġia u Saviour Gauci, kollha oriġinarjament konvenuti f'din il-kawża, '*jointly and severally in their capacity as legal and judicial representatives of the producer group Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegetables)*'[2] sabiex l-istess Ta' Qali Producers Group (TQPG) tagħmel użu ta' binja tal-Gvern li tinsab ġewwa s-suq tal-Pitkalija, Ta' Qali. TQPG fost kundizzjonijiet oħra, kellha l-obbligu li tħallas id-dawl u l-ilma. L-imsemmi kuntratt ġie mġedded għall-perjodu ta' tlett snin oħra fit-3 ta' Mejju 2011 sat-3 ta' Mejju 2014.[3]

[1] Fol 346
[2] Dok PS1 a fol 6
[3] Dok PS3 a fol 17

2. Fil-laqgħa ġenerali annwali tat-12 ta' Mejju 2006, Peter Axisa inħatar President u CEO ta' TQPG[4].

3. TQPG qatt ma rreġistrat ruħha bħala persuna ġuridika mal-MFSA[5] jew mar-Reġistru għal Persuni Ġuridiċi fi ħdan ir-Reġistru Pubbliku tal-Artijiet[6] u l-anqas mal-Uffiċċju tal-Kummissarju għal Organizazzjonijiet Volontarji bħala għaqda volontarja.[7]

4. Fis-sena 2011, it-TQPG ingħatat rikonoxximent mid-Direttur tal-Agrikoltura b'effett minn Diċembru 2010. Ma kienx rikonoxximent sħiħ iżda wieħed ikkundizzjonat li l-operat tagħha jkunu konformi mar-rekwiżiti kollha tal-liġi u ċjoe trid tosserva l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent, ir-regolamenti stabbiliti bil-Kapitolu 447 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti relattivi tal-Unjoni Ewropea[8].

5. TQPG tilfet ir-rikonoxximent bħala *producer organisation'* fis-16 ta' Mejju 2012[9] peress illi TQGP kisret diversi rekwiżiti implimentati fil-liġi Ewropea għaliex ma assiguratx kummerċ tajjeb u immaniġjar monetarju kif ukoll l-bini mikri ma kienx qed jintuża għal iskopijiet miftiehma fil-ftehim fuq imsemmi u għalhekk il-ftehim li kellhom ġie terminat minnufih. Dan ġie mgħarraf lil Peter Axisa permezz ta' ittra maħruġa mid-Direttorat tal-Agrikoltura.[7] Din linformazzjoni għaddiet lill-konvenuti kollha permezz ta' ittra mill-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima f'Marzu 2014. Dan lirtirar qatt ma ġie kkontestat jew appellat għalkemm TQPG kellha kull dritt li tagħmel dan.

6. Id-Direttorat tal-Agrikoltura huwa l-Awtorita kompetenti li tirrikonoxxi għaqdiet tal-produtturi/gruppi tal-produtturi u dan skond il-Kap 447 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan fi ħdan il-Ministeru tal-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima li ssuċċeda kemm lill-Ministeru għall-Riżorsi u Affarijiet

---

[4] Fol 86
[5] Xhieda t Dr Amanda Poole a fol 163
[6] Xhieda ta' Dr Hilary Grech a fol 172
[7] Fol 35 u fol 88

Rurali u lill-Ministeru ta' qablu li kien il-Ministeru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.[8]

7. Il-provvista tad-dawl u tal-ilma inqagħtet fit-28 ta' Jannar 2014 u TQPG baqgħet tokkupa l-binja in kwistjoni sa ftit wara għaliex kienet tagħmel użu minn *generator* biex jissupplixxi d-dawl. TQPG qatt ma ħallset l-kontijiet tad-
8. dawl u l-ilma.

8. Il-kontijiet tad-dawl u l-ilma tħallsu fit-23 ta' Novembru 2015 mill-Ministeru tal-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima.[9] Fil-25 ta' Marzu 2011 sar pagament ta' €48,863,07, pagament ieħor datat 4 ta' Diċembru 2015 ta' €73,212.41 u pagament ieħor tat-13 ta' Jannar 2015 ta' €851.43. Minn Frar 2014 s'Awwissu 2015 ma kienx hemm konsum tad-dawl u ilma u c-*charges* kienu fuq il-kera tal-meters. Illi skond uffiċjal tal-ARMS Limited, ġie konfermat illi l-ammonti imħallsa kien permezz ta' ċekk jgħajjat lil Agriculture Department.

9. Peter Axisa jgħid illi kemm damu jokkupaw il-binja qatt ma rċieva kontijiet għall-ħlas u ma kienx jaf li hemm xi problemi fuq hekk. Axisa jargumenta illi m'għandux iwieġeb personalment għal dan id-dejn għax ma kkuntrattax f'ismu personali u dan ai termini tal-Artikolu 3(1) tal-Kap 447 li jgħid illi *Organizazzjonijiet tal-produtturi li jkunu rikonoxxuti mid-direttur skond id-disposizzjonijiet ta' regolamenti magħmulin skond l-Artiklu 19 ikollhom personalita' legali distinta minn dik tal-membri tagħha.*

10. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, Peter Axisa u TQPG stqarru li l-fatt li t-TQPG kellha tħallas għall-ispejjeż tad-dawl u l-ilma mhuwiex kontestat;[10]

---

8 Dok MS5 a fol 197 u Dok MS6 a fol 203 u Dok MS7 a fol 212

9 Dok MS5 a fol 197 u Dok MS6 a fol 203 u Dok MS7 a fol 212

10 Paġna 19 tan-nota ta' sottomissjonijiet aħħarija tagħhom

**Kunsiderazzjonijiet fattwali u legali:**

Ikkunsidrat:

Illi l-Kodiċi Ċivili jsawwar bil-personalita' ġuridika biss lil dawk l-organizzazzjonijiet li jkollhom l-għarfien formali mill-Istat, li trid issir permezz tar-reġistrazzjoni tagħhom fir-Reġistru Pubbliku, sakemm ma jkunx hemm liġi oħra li taħseb għalhekk fil-każ ta' organizzazzjonijiet partikolari.[11] Persuna ġuridika tibqa' teżisti għal dejjem sakemm ma jkunx previst mod ieħor bil-liġi jew bl-att li joħloqha;[12]

Illi organizzazzjoni mhux reġistrata mhix persuna ġuridika iżda tgawdi minn għarfien limitat u setgħat legali biex tikseb l-għan speċifiku li għalih tkun ġiet kostitwita.[16] Fost setgħat oħrajn tista' takkwista proprjeta', tiftaħ kontijiet bankarji u timpjega ħaddiema.[17] Tista' tħarrek u tiġi mħarrka.[18] B'danakollu, s-setgħat tagħha huma strettament limitati għal dak li hu neċessarju biex jintlaħqu l-għanijiet tagħha u għall-finijiet tal-amministrazzjoni tagħha.[19] L-amministraturi tagħhom huma responsabbli personalment u *in solidum* bejniethom għat-tħaddim tajjeb tal-beni tal-organizzazzjoni[20] u huma wkoll responsabbli *in solidum* bejniethom u malorganizzazzjoni għal kull passiv tagħha, kemm jekk ikun għadhom amministraturi kif ukoll jekk le.[21] Madanakollu, normalment huma responsabbli *in subsidium* malorganizzazzjoni u għandhom il-benefiċċċju ta' diskussjoni;[22]

Illi Ta' Qali Producers Group (TQPG) ġie rikonoxxut bħala '*producer organisation*' fit-23 ta' Settembru 2005.[13] Il-liġi li tirregola l-organizzazzjonijiet bdiet tapplika mill-1 t'April 2008.[24] TQPG tilfet ir-rikonoxximent bħala *producer organisation'* fis-16 ta' Mejju 2012. Sa dakinhar kellha personalita' ġuridika' iżda minn dakinhar saret orgnanizzazzjoni mhux reġistrata, u allura tilfet il-personalita ġuridika tagħha. Skont Art. 2 tal-Kapitlu 447, "organizzazzjoni tal-produtturi" tfisser organizzazzjoni rikonoxxuta mid-Direttur. Oranizzazzjonijiet tal-produtturi "li jkunu rikonoxxuti mid-Direttur skont id-disposizzjonijiet ta' regolamenti magħmulin skont l-Art. 19 ikollhom personalita' legali distinta minn dik tal-membri tagħhom."[14] Fil-fehma ta'

---

[11] Paragrafu 3 u Para 12 tat-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili

[12] Para 5(1) ibid.

[13] Dok KD1 a fol 69 [24]

Para 1(d) ibid.

[14] Art 3(1) Kap 447

din il-Qorti, *a contrario sensu*, organizzazzjonijiet mhux rikonoxxuti m'għandhom personalita' ġuridika. U billi TQPG saret organizzazzjoni mhux rikonoxxuta wara l-1 t'April 2008, m'hemm l-ebda raġuni l-għala m'għandhiex tapplika l-liġi viġenti. Mhux rilevanti li TQPG ġiet iffurmata qabel l-1 t'April 2008. Lanqas hija ta' rilevanza d-disposizzjoni transitorja [15] għaliex din tapplika biss għal organizzazzjonijiet li kienu rikonoxxuti qabel dik id-data skont il-liġi konswetudinarja inkella b'sentenza definittiva tal-Qorti;

Illi jirriżulta li Peter Axisa kien l-amministratur ta' TQPG;

***Decide***

Għal dawn il-motivi il-Qorti

(1) Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti safejn dawn m'humiex kompatibbli ma' din is-sentenza.
(2) Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni ta' Joseph Farrugia nomine billi din ġiet sorvolata bil-mewt tiegħu waqt il-kawża.
(3) Tilqa' t-tieni eċċezzjoni ta' Joseph Mary Farrugia
(4) Tiċħad it-tielet eċċezzjoni ta' Joseph Mary Farrugia
(5) Tilqa' t-talba tal-attur billi tikkundanna lill-konvenuti Peter Axisa (KI 804848M) f'ismu personali kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta' Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegetables); Dr Martha Mifsud u PL Peter Paul Sammut bħala kuraturi biex jirrapreżentaw lil persuna mhux magħrufa in rappreżentanza ta' Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegetables) minflok il-mejjet Joseph Mary Farrugia; u Saviour Gauci [KI Numru 86545(M)] għan-nom u in rappreżentanza ta' Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegetables) Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegetables*) in solidum* bejniethom iżda Peter Axisa *in subsidium* u bil-benefiċċju ta' diskussjoni tal-

---

[15] Para 6 ibid Para 14(1) tat-Tieni Skeda ibid.
[16] Para 14(2) ibid.
[17] Para 14(3) ibid.
[18] Para 14(6) ibid.
[19] Kif speċifikat f'Para 17 ibid.
[20] Para 17(3) ibid.
Para 17(3) ibid

proprjeta' ta' Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegetables) sabiex iħallsuh l-ammont tlieta u sebgħin elf, mitejn u tnax–il Ewro u wieħed u erbgħin Ewro ċenteżmi (€73,212.41) bl-ispejjeż u drittijiet ġudizzjarji, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat in konnessjoni ma' din il-kawża u tal-ittri uffiċjali bin-numri 1351/2014, 1704/14, 705/2015 u 23/2016 bl-imgħax legali mid-data tal-ewwel ittra uffiċjali sad-data tal-eventwali ħlas effettiv.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA